# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 387/11/1 MCH**

**Green Dot Malta Limited (C-33694)**

**v.**

**L-Awtorita` Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar u b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti tal-10 ta' Novembru 2011 ġiet ordnata l-korrezzjoni tal-okkju fis-sens illi l-isem tal-Awtorita` intimata jiġi jaqra "L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" u b'digriet tas-27 ta' Mejju 2021 l-isem "tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" ġie jaqra "L-Awtorita` għall-Ambjent u r-Riżorsi"**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta` attriċi tat-18 ta' April, 2011, li permezz tiegħu ngħad:

"1. Illi s-socjeta rikorrenti, permezz ta' rikors datat 23 ta' Frar 2011, talbu u b'digriet datat 28 ta' Marzu 2011 (**Dok. C**), ottjenew fil-konfront tal-Awtorita intimata, il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 271/2011) sabiex l-istess Awtorita tigi inibita milli fil-kapacita taghha bhala l-Awtorita kompetenti ghall-finijiet tal-*Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations* (Avviz Legali 277 tal-2006 kif emendat):

a. taccetta u/jew tiehu in konsiderazzjoni l-figuri ta' gbir, irkupru u/jew riciklagg tal-iskart tal-ippakkjar limitatament ghal dak li sar mis-socjeta Green Mt Limited (C42136) (u jew terzi persuni mqabbdin minnha) ghan-nom tal-membri taghha fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010, illi l-istess socjeta issottomettiet jew sejra tissottometti lill-Awtorita intimata ai termini tal-artikolu 17(3)(b) u (c) tal-imsemmi regolamenti u,

b. taccetta u/jew tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija ta' konformita illi s-socjeta Green MT Limited (C42136) hija tenuta illi tissottometti lill-Awtorita intimata sal-31 ta' Marzu 2011 ai termini tal-artikolu 17(3)(b) u (c) tal-istess regolamenti limitatament ghal dak li jirrigwarda l-irkupru u/jew riciklagg tal-iskart tal-ippakkjar li sar mill-istess socjeta (u jew terzi persuni mqabbdin minnha) ghan-nom tal-membri taghha fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010;

2. Illi hekk kif rikjest mill-ligi fl-artikolu 843(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta rikorrenti qeghda taghmel din il-kawza ghall-jeddijiet taghha imsemmiha f'tali mandat;

3. Illi s-socjeta rikorrenti hija awtorizzata mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (hawn taht maghrufa bhala "MEPA") ai termini tal-*Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations* u tal-*Waste Management (Permit and Control) Regulations* (Avviz Legali 337 tal-2001 kif emendat) sabiex fost affarijiet ohra tamministra skema ta' rkupru u riciklagg tal-iskart tal-ippakkjar (ossia packaging waste) f'isem u ghan-nom tal-membri tal-istess skema;

4. Illi ai termini tal-artikolu 16 tal-Avviz Legali 277 tal-2006 (kif emendat), il-MEPA bhala l-Awtorita kompetenti tista' tezenta lill-produttur mill-obbligi tieghu taht l-istess avviz legali (u cioe *inter alia* illi jirkupra u jirricikla l-iskart tal-ippakkjar li jipproduci matul is-sena) kemm il-darba huwa juri illi huwa parti minn skema approvata ghal dak l-iskop, bhal ma hija l-iskema tas-socjeta rikorrenti;

5. Illi ai termini tal-artikolu 24(1) tal-istess Avviz Legali kull persuna li tixtieq thaddem skema ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar inkluz il-gbir, l-issortjar, il-hazna, l-esportazzjoni, l-irkupru u r-riciklagg ta' skart tal-ippakkjar fuq inkarigu tal-produtturi ghandha tikseb permess jew licenzja biex taghmel dan mill-awtorita kompetenti;

6. Illi apparti s-socjeta rikorrenti hemm ukoll kumpanija ohra li hija awtorizzata mill-MEPA ai termini tal-*Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations* u tal-*Waste Management (Permit and Control) Regulations* sabiex tamministra skema ta' rkupru u riciklagg taI-iskart tal-ippakkjar f'isem u ghan-nom tal-membri taghha. Din hija s-socjeta Green MT Limited (C42136);

7. Illi filwaqt li l-licenzja ezistenti ghall-iskema operata mis-socjeta rikorrenti kienet giet mgedda regolarment mill-bidu tas-sena 2010 sal-ahhar tas-sena 2010 (u ricentament giet mgedda ukoll mill-bidu tas-sena 2010 sal-ahhar tas-sena 2011), dik tas-socjeta Green MT Limited ma gietx mgedda ghal tali sena <u>izda giet mahruga wahda gdida</u> fil-25 ta' Gunju 2010 (kopja tal-licenzja annessa u mmarkata bhala Dok. A);

8. Illi minkejja li fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2010 (ghajr ghall-perjodu ta' wara l-25 ta' Gunju 2010), is-socjeta Green MT Limited ma kelliex permess jew awtorita mill-MEPA biex taghmel hekk, hija xorta wahda baqghet topera l-iskema taghha u taghti servizzi ta' waste management u dan bi ksur dirett tar-regolamenti fuq imsemmija u tal-artikolu 6 taI-Avviz Legali 337 tal-2001 (kif emendat) li *inter alia* jipprovdi kif gej:

> "6. Hadd ma ghandu jipproduci ebda skart jew jidhol ghal xi attivita fil-maniggjar ta' skart, kemm-il darba:
>
> (b) ma jkollux permess kif inhu mehtieg bir-regolament 9"

9. Illi *ex admissis* fl-istess perjodu, is-socjeta Green MT Limited sahansitra rkuprat 'l fuq minn sitt elef (6,000) tunnellata ta' skart minn wiehed u erbghin (41) kunsilli lokali differenti gewwa pajjizna. Dan kollu jammonta ghal reat kriminali skond I-artikolu 26 tal-Avviz Legali 337 tal-2001 fuq imsemmi u huwa suggett ghal sanzjonijiet penali;

10. Illi minflok ma ghamlet I-investigazzjonijiet necessarji u/jew hadet il-passi opportuni skond il-ligi kontra dik il-kumpanija, I-Awtorita intimata ghalqet ghajnejha quddiem dan I-abbuz sfaccat u halliet lis-socjeta Green MT Limited topera bil-liberta kollha b'dan illi s-socjeta rikorrenti sofriet minn danni konsiderevoli Ii xekklu mhux ftit l-operat kummercjali taghha u dan kif sejjer jigi ppruvat matul il-kors tal-kawza;

11. Illi tajjeb jinghad illi ai termini tar-regolamenti numru 17(3)(b) u (c) u 15 tal-*Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations* l-operaturi ta' skemi awtorizzati ghandhom sal-31 ta' Marzu ta' kull sena jirrappurtaw (rapport Ii jkun awditjat) lill-Awtorita kompetenti dettalji importanti fost ohrajn dwar kemm u kif l-iskart tal-ippakkjar Ii ntefa' fis-suq mill-membri taghha matul is-sena ta' qabel gie uzat mill-gdid, irkuprat u/jew rriciklat u kif ukoll ghandhom jissottomettu stqarrija Ii l-iskema hija konformi fir-rigward tal-ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar Ii l-membri taghha jkunu qieghdu fis-suq matul is-sena Ii tkun ghadha kemm ghaddiet;

12. Illi l-Awtorita intimata sussegwentement permezz tal-licenzja gdida li harget lis-socjeta Green MT Limited fil-25 ta' Gunju 2010 tat permess lill-istess kumpanija sabiex tkopri l-obbligazzjonijiet tal-membri taghha ghas-sena 2010. Dan pero certament ma kellux jfisser illi s-socjeta Green MT Limited setghet tirraporta dak li kienet ghamlet hi b'mod illegali ghan-nom tal-membri taghha f'dak li ghandu x'jaqsam *waste management* tal-iskart tal-ippakkjar matul il-perjodu 1 ta' Jannar 2010 sal-24 ta' Gunju 2010;

13. Illi biex tkompli titfa l-melh fuq il-ferita, is-socjeta rikorrenti giet mgharrfa b'mod informali illi l-Awtorita intimata fil-fatt kienet qed tinterpreta l-licenzja mahruga lil Green MT Limited proprju b'dak il-mod, u dan ghaliex weriet li kienet disposta li taccetta u/jew tiehu in konsiderazzjoni l-figuri kollha ta' gbir, irkupru u/jew riciklagg tal-iskart tal-ippakkjar li sar mis-socjeta Green MT Limited ghan-nom tal-membri taghha fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010;

14. Illi dan l-agir, li fil-frattemp huwa suggett ghall-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi, jekk jithalla jsir u ma jigix imwaqqaf minn din l-Onorabbli Qorti ser iwassal sabiex il-kompetizzjoni fis-suq tigi mxekkla b'mod ingust. Inoltre dan l-agir jkun qieghed jirreka pregudizzju serju lis-socjeta rikorrenti mhux l-anqas ghaliex filwaqt li din hija obbligata tosserva l-obbligazzjonijiet imposti fuqha skond il-ligijiet fuq imsemmija, obbligazzjonijiet li hafna drabi huma oneruzi, min-naha l-ohra l-kompetitrici diretta taghha fis-suq, u cioe s-socjeta Green MT Limited, tkun qeghda effettivament tigi moghtija l-impressjoni illi l-ligi tista' ma tigix rispettata minn kulhadd u li dawn l-obbligazzjonijiet jistghu jigu varjati u addattati mill-awtorita kompetenti skond kif jkun jaqbel lilha anke jekk b'tali agir skema partikolari tigi moghtija vantagg fuq skema ohra;

15. Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-agir kontemplat jikkonsisti f'ghajnuna mill-Istat ("State Aid") ai termini tal-artikolu 87 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja u jmur direttament kontra l-artikolu 88(3) tal-istess trattat billi l-Awtorita intimata qeghda tittenta taghti dik l-ghajnuna lis-socjeta Green MT Limited minghajr ma hadet il-permess relattiv mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja. Skond dan l- artikolu, maghruf bhala l-obbligu ta' waqfien totali ("Standstill Obligation"), "*Il-Kummissjoni ghandha tigi informata, fil-hin biex tissottometti l-osservazzjonijiet taghha, dwar kull progett biex tigi moghtija jew biex tigi modifikata ghajnuna".* Wara li tinghata din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tkun tista' tikkunsidra jekk l-ghajnuna proposta tkunx kompatibbli mas-suq komuni. L-istess artikolu jistipula ukoll illi l-Istat Membru interessat "ma jistax idahhal fis-sehh il-progetti proposti tieghu qabel ma dik il-procedura jkollha decizjoni finali";

16. Illi minkejja li l-Awtorita intimata giet mgharrfa li l-agir propost taghha sejjer jxekkel il-kompetizzjoni gusta fis-suq (ara protest gudizzjarju datat 20 ta' Awwissu 2010 anness u mmarkat bhala Dok. B)

u sejjer ukoll imur kontra l-artikoli precitati tat-Trattat taI-Unjoni Ewropeja, din ma tatx widen ghas-sejha tas-socjeta rikorrenti sabiex tiddikjara li mhiex ser twettaq dan l-agir.

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet premessi, is-socjeta rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi I-Awtorita intimata naqqset milli tagixxi skond id-doveri imposti fuqha mill-ligi meta bhala I-Awtorita kompetenti, minflok ma ghamlet l-investigazzjonijiet necessarji u/jew hadet il-passi opportuni skond il-ligi kontra s-socjeta Green MT Limited, ghalqet ghajnejha quddiem dan I-abbuz sfaccat u matul il-perjodu 1 ta' Jannar 2010 sal-24 ta' Gunju 2010 halliet lis-socjeta Green MT Limited topera bil-liberta kollha;

2. Tiddikjara iIli minhabba n-nuqqas fuq irreferut fl-ewwel talba ta' dan ir-rikors, is-socjeta rikorrenti sofriet pregudizzju u danni konsegwenzjali;

3. Tillikwida dawn id-danni Ii gew ikkawzati Iis-socjeta rikorrenti;

4. Tikkundanna lill-Awtorita intimata thallas dan I-ammont hekk Iikwidat Iis-socjeta rikorrenti;

5. Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-Awtorita intimata ma tistax taccetta u/jew tiehu in konsiderazzjoni l-figuri ta' gbir, irkupru u/jew riciklagg tal-iskart tal-ippakkjar Ii sar mis-socjeta Green MT Limited ghan-nom tal-membri taghha fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010;

6. Tiddikjara illi l-agir kontemplat jikkonsisti f'ghajnuna mill-Istat ("State Aid") ai termini tal-artikolu 87 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant ma jistax jinghata qabel mal-Awtorita intimata jew l-awtoritajiet kompetenti josservaw il-procedura stabbilita fl-artikolu 88(3) tal-istess trattat.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita intimata, li hija minn issa ingunta in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita` konvenuta tal-24 ta' Mejju, 2011, li permezz tagħha ġie eċċepit is-segwenti:

"1. Illi b'mod preliminari, l-Awtorita esponenti m'hix korrettament citata;

2. Illi b'mod preliminari, l-Awtorita intimata qed tikkontesta, permezz ta' rikors intavolat quddiem l-0norabbli Qorti diversament

ippresjeduta, il-mandat ta' inibizzjoni citat mis-socjeta rikorrenti ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors;

3. Illi ukoll b'mod preliminari, ghall-finijiet tal-integrita tal-gudizzju, is-socjeta rikorrenti ghandha ssejjah ukoll fil-kawza lis-socjeta Green MT Limited;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u wkoll b'mod preliminari, il-permess in kwistjoni, u cioe dak mahrug fil-25 ta' Gunju 2010 (Dok. A mar-rikors guramentat), bl-ebda mod ma jirregolarizza jew jissanzjona l-operat tas-socjeta Green MT ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010. L-artikolu 3.1 tal-permess imsemmi jistipula b'mod car li l-istess permess huwa validu mill-25 ta' Gunju 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010 liema permess ma jippreludix lill-Awtorita esponenti milli tiehu passi fil-konfront tas-socjeta Green MT Limited ai termini tal-artikoli 27 *et seq*. tal-Avviz Legali Nru. 277/2006 relattivament ghall-gbir ta' skart minghajr permess bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010. Ghaldaqstant, f'dan is-sens l-azzjoni rikorrenti hija intempestiva u prematura;

5. Illi ghalhekk l-Awtorita intimata ma kkagunat l-ebda dannu lis-socjeta rikorrenti;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-permess in ezami gie mahrug favur is-socjeta Green MT Limited bil-kundizzjoni specifika imposta fuq l-istess socjeta li jigi irrapurtat l-iskart minnha migbur ghan-nom tal-membri taghha fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010 u dan sa mhux aktar tard mill-25 ta' Lulju 2010. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak espost mis-socjeta rikorrenti, jirrizulta li din il-kundizzjoni f'artikolu 3.2 tal-permess mhix intiza sabiex tiffavurixxi lis-socjeta Green MT Limited izda hija intiza sabiex tizgura li jigu onorati l-obbligi tal-membri taghha bl-ghan uniku li l-obbligi tal-pajjiz f'dan is-settur jigu milhuqa. Ghaldaqstant, l-Awtorita intimata ma tat l-ebda vantagg lis-socjeta Green MT Limited a skapitu tas-socjeta rikorrenti jew li b'xi mod imur kontra l-principji tal-kummerc gust;

7. Illi in vista tas-suespost, il-permess in ezami mahrug mill-Awtorita intimata ma jistax jitqies bhala 'state aid' kif allegat mis-socjeta rikorrenti;

8. Illi l-Awtorita intimata agixxiet skont il-ligi;

9. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta rikorrenti".

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Marzu, 2016, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi filwaqt li laqgħet l-

eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Awtorita` konvenuta, ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fatti
>
> Din hi kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabilta u kundanna ta' danni sofferti. Is-socjeta attrici qed tallega illi l-agir tal-Awtorita bhala l-enti li ghandha d-dritt taghti l-licenzja jew permess ghal skemi ta' gbir u riciklagg ta' skart naqset mid-dover taghha fl-agir u r-responsabilta taghha verso s-socjeta Green MT Limited u dan wassal ghal pregudizzju kummercjali u monetarju fil-konfront tas-socjeta attrici, li fiz-zmien tal-kwistjoni cioe l-2010 kienet il-kompetitrici diretta tas-socjeta Green MT.
>
> Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Jidher li s-socjeta attrici kienet ilha topera skema ta' rkupru u riciklagg ta' skart ossia packaging waste f'isem membri taghha li assocjaw ruhhom mal-istess socjeta sa mill-2004. Dan kien isir taht ir-regolamenti li jinsabu fl-Avvizi Legali 337/2001 u 277/2006 mahrugin taht il-ligi ghall-Harsien tal-Ambjent.
>
> Is-socjeta Green MT giet inkorporata fl-2007 u bdiet topera skema simili ghal membri taghha mill-2009. Dawn kienu l-unici operaturi tal-iskema f'din il-forma f'dak il-perjodu u l-perjodu rilevanti.
>
> Jidher li l-licenzja biex wiehed jopera din l-iskema kienet tinhareg mill-awtorita kompetenti cioe l-Awtorita tal-Ippjanar fuq bazi ta' sena b'sena u b'kundizzjonijiet fosthom rappurtagg dettaljat u perjodiku lil Awtorita tal-operat ta' min ihaddem l-iskema fis-sens ta' kemm u l-modalita tal-gbir tal-iskart u kif gie riciklat. Din l-informazzjoni mbaghad tigi verifikata minn approving body li jkun awtorizzat jhallas lil min jopera l-iskema skont tariffi fissi li jinsabu fl-istess regolamenti.
>
> Il-pregudizzju allegatament soffert mis-socjeta attrici jikkonsisti mill-fatt illi l-istess socjeta applikat u giet moghtija permess ta' tigdid tal-licenzja ghal gbir u riciklagg ta' skart ghas-sena 2010 fejn it-talba saret b'ittra tat-12 ta' Novembru 2009 u ripetuta b'email tat-23 ta' Novembru 2009. L-Awtorita tal-Ippjanar irrinovat il-permess ghas-sena 2010 b'ittra tas-17 ta' Dicembru 2009 (fol. 351 et seq. tal-process). In kwantu ghas-socjeta Green MT, din ma talbet ebda tigdid tal-licenzja qabel l-iskadenza tal-permess fl-ahhar tal-2009. It-talba jidher li saret fl-20 ta' Marzu 2010 (ara Dok. KM4 fol. 109 tal-process) pero l-Awtorita f'April

u Mejju 2010 talbet informazzjoni rilevanti skont l-Avvizi Legali qua obbligi ta' min jopera l-iskema biex ikompli jopera (ara fol. 110 u 111 tal-process).

Fil-25 ta' Gunju 2010 inhareg permess gdid lis-socjeta Green MT li jkopri l-perjodu mill-25 ta' Gunju 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010. Dan il-permess kien soggett ghal kondizzjoni li jigi ipprezentat l-audited annual report tal-kumpanija ghas-sena 2009 sal-25 ta' Lulju 2010 u li l-iskema operata min Green MT kienet qed tiehu fuqha r-responsabilitajiet tal-membri assocjati fiha ghal perjodu kollu tas-sena 2010 u illi kull rappurtagg mehtieg bejn l-1 ta' Jannar 2010 u d-data tal-hrug tal-permess kellu jinghata lil Awtorita. F'memorandum mill-Unit Manager tal-MEPA Kevin Mercieca jidher li l-quarterly reports ghall-ewwel sitt xhur tal-2010 kienu gew sottomessi mis-socjeta Green MT tal-MEPA (ara fol. 7 tal-process ghall-ghoti tal-permess datat 25 ta' Gunju 2010).

Wara l-prezentata tal-kawza fit-18 ta' April 2011, inharget ittra mill-MEPA fil-5 ta' Mejju 2011 lis-socjeta Green MT fejn saret referenza ghal laqgha ma persuni in rapprezentanza tal-istess socjeta fit-13 ta' April 2011 u fejn gie komunikat lill-istess socjeta li n-nuqqas tas-socjeta Green MT li topera bla licenzja ghall-ewwel sitt xhur tal-2010 kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Avvizi Legali 337/2001 u 227/2006. Bl-ittra tal-5 ta' Mejju 2011, il-MEPA infurmat li dan kien jikkostitwixxi offiza u billi kienet l-ewwel offiza, flok jittiehdu passi kriminali kienet ser tigi imposta administrative fine ta' €5,000 ai termini tal-artikolu 93 tal-Kap. 504 (Environment and Development Planning Act) li kellha tithallas fi zmien 21 gurnata. Fin-nuqqas ta' accettazzjoni ta' responsabilta da parti ta' Green MT, kienu ser jittiehdu l-passi kriminali kontemplati fl-Avvizi Legali msemmija. Jirrizulta mill-atti a fol. 68 et seq. tal-process illi l-multa fil-fatt thallset. Jirrizulta wkoll ghal kompletezza tal-atti illi fil-perjodu bejn is-6 ta' Mejju 2011 u t-28 ta' Gunju 2012 is-socjeta Green MT thallset is-somma komplessiva ta' €670,000 ghal gbir u riciklagg ta' skart mill-membri produtturi mal-istess Green MT li kien ikopri l-perjodu kollu bejn l-1 ta' Jannar 2010 sal-ahhar tal-istess sena.

Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti tibda biex tirreferi ghall-ewwel parti tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-Awtorita li ssottomettiet li l-azzjoni kif impostata kienet improponibbli. Tali sottomissjoni kellha ssir permezz ta' eccezzjoni formali li qatt ma saret u semplici sottomissjoni b'nota ma ghandhiex tinghata ebda aditu.

Maghdud dan hu principju stabbilit illi l-Qorti hi marbuta tiddeciedi a bazi tal-azzjoni proposta u dak mitlub biss.

L-allegazzjoni attrici li tikkostitwixxi n-ness legali u fattwali bejn il-partijiet odjerni tistrieh principalment fuq is-sottomissjoni li l-Awtorita naqset mid-dmir taghha skont il-ligi fil-konfront ta' Green MT meta

hallietha topera bla licenzja u anzi ikkonsentiet tacitament meta harget licenzja li kienet effettivament tkopri s-sena shiha tal-2010 inkluz l-ewwel sitt xhur li fihom is-socjeta Green MT ma kellhiex licenzja.

Is-socjeta attrici tispecifika illi l-vjolazzjoni b'mod dirett hu kostitwit mill-fatt illi l-Awtorita ma haditx azzjoni fil-konfront tas-socjeta Green MT. Tikkwota l-artikolu 6(b) tal-Avviz Legali 337/2001 li jghid li hadd ma jista' jopera skema ta' maniggjar ta' skart bla permess u l-artikolu 26 tal-istess Avviz Legali li tali inosservanza jikkostitwixxi reat li ghall-ewwel offiza skont l-artikolu 27 hu punibbli b'multa sa massimu ta' €1,000. L-istess regolamentazzjoni tinsab fl-artikoli 27 u 28 tal-Avviz Legali 277/2006 liema Avvizi Legali huma regolamenti li jimplimentaw u jirregolaw b'mod dettaljat l-iskema tal-gbir u riciklagg ta' skart kemm min produtturi individwali jew bhal f'dan il-kaz minn operatur li ghandu skema u fiha jingabru membri ossia produtturi b'mod kollettiv.

Din il-Qorti ma hix konvinta li l-Awtorita naqset minn xi dmir taghha skont il-ligi. Fl-ewwel lok is-socjeta attrici ma gabet ebda prova li turi illi l-Awtorita kienet taf li s-socjeta Green MT kienet qed topera bla licenzja u ghalqet ghajnejha bi skop précis li taghmel hsara lis-socjeta attrici jew preferenza mas-socjeta Green MT. Jirrizulta mill-atti illi s-socjeta Green MT applikat ghal tigdid tal-licenzja li kienet skadiet fl-ahhar tal-2009, f'Marzu tal-2010. Din jidher li kien l-ewwel hjiel ghall-Awtorita li l-Green MT kellha licenzja skaduta. Fil-fatt l-Awtorita, li fil-fehma tal-Qorti ghazlet it-triq gusta fic-cirkostanzi, qabel ma ikkunsidrat it-talba, imponiet il-kondizzjoni li jkollha d-dokumentazzjoni rilevanti ghas-sena 2009 li ghaliha s-socjeta Green MT kienet operat b'licenzja. Mill-ftit provi rilevanti fl-atti jirrizulta li l-Awtorita talbet f'zewg okkazzjonijiet fl-istess perjodu ghad-dokumentazzjoni qabel tasal ghal decizjoni. Kien biss fl-24 ta' Gunju 2010 li l-Awtorita accettat li tati licenzja lil Green MT li pero ma kinitx wahda retroattiva kif tipprentendi s-socjeta attrici izda fejn gie specifikat b'mod car li l-licenzja kienet qed tkopri lis-socjeta mill-24 ta' Gunju 2010 il-quddiem sal-ahhar tas-sena. Din il-licenzja kienet konidzzjonata ghal osservanza ta' certi kondizzjonijiet fosthom rappurtagg tal-operat tal-iskema ta' Green MT ghall-ewwell sitt xhur tas-sena 2010 u produzzjoni tal-audited annual report tas-sena 2009.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-agir tal-Awtorita ma kien jivvjola ebda regolament jew ligi. L-Awtorita ma setghetx tinjora l-fatt akkadut li sad-data tal-ghotja tal-licenzja, is-socjeta Green MT kienet qed topera l-iskema f'isem 34 produtturi assocjati maghha. Dan l-ammont jirrizulta mid-dokument a fol. 317 tal-process li juri li sad-data tal-licenzja fil-25 ta' Gunju 2010, kien hemm 34 membru fil-Green MT ghalkemm wara l-ghoti tal-licenzja l-membri zdiedu ghal 121 sal-ahhar tal-2010. Dan il-fatt l-Awtorita ma setghetx tinjorah qisu ma jezistix bi pregudizzju ghal produtturi li zgur ma kellhom ebda htija ghat-trasgressjoni ta' Green MT li almenu ghall-ewwel tlett xhur tas-sena keinet qed topera bla licenzja u bla talba ghal tigdid jew hrug ta' licenzja gdida.

Is-socjeta attrici tikkontendi illi l-Awtorita messha mxiet mar-regolamenti u hadet passi kriminali pero ghalkemm hu car illi l-Awtorita ma haditx passi kriminali fil-konfront ta' Green MT, l-agir taghha ma jistax jitqies censurabbli jew irragonevoli fl-ambitu amministrattiv. L-Awtorita kienet kawta meta ma hargitx licenzja li kienet tkopri s-sena shiha ghall-2010 ghax dak kien jikkostitwixxi hrug ta' permess b'mod retroattiv u kien ikun jitqies percezzjoni ta' vantag ghas-socjeta li tikser il-ligi a skapitu ta' ohrajn cioe s-socjeta attrici li ottemperat ruhha mal-ligi f'dak li hu tigdid tal-licenzja. L-Awtorita, li jidher li irrikonoxxiet il-fatt irriversibbli u li fuqu ma kellha ebda kontroll, li s-socjeta Green MT kienet qed topera ghal sitt xhur bla permess ghalkemm wara Marzu 2010 kien hemm applikazzjoni pendenti, zammet ferm id-dritt taghha ghal operat tas-socjeta Green MT bla licenzja ghall-ewwel sitt xhur tal-2010 tant li specifikat fil-permess il-possibilta li jittiehdu l-passi kriminali kontemplati fir-regolamenti. Minflok pero ghazlet triq ohra cioe li tapplika l-artikolu 93 tal-Kap. 504 u imponiet multa ta' €5,000 ghat-trasgressjoni flok jittiehdu passi kriminali, liema multa giet imhallsa minn Green MT. L-artikolu 93 tal-Kap. 504 li hi l-ligi principali u l-Avvizi Legali ghandhom jinqraw fil-kuntest tal-ligi principali jghid hekk:

> "Minkejja kull ligi ohra li tipprovdi ghal procedimenti u pieni dwar reati, meta l-Awtorità temmen li persuna tkun kkommettiet reat kontra dan l-Att, barra minn reat taht l-artikolu 94(1)(d), l-Awtorità tista' taghti lil dik il-persuna avviz bil-miktub fejn tiddeskrivi r-reat li dik il-persuna tkun qeghda tigi akkuzata bih u tindika l-passi li trid tiehu biex tirrimedja ir-reat u l-multa li hi ghandha thallas ghal dak ir-reat"

Jekk il-persuna li fil-konfront taghha l-Awtorita tkun harget avviz a tenur l-artikolu 93 tal-Kap. 504 taccetta r-responsabbilta ghar-reat specifikat fl-avviz, tirrimedja ghar-reat, u thallas il-multa relattiva, "ebda proceduri ohra ma jkunu jistghu jittiehdu kontra l-imsemmija persuna fir-rigward tal-istess fatti" (ara artikolu 93(2)). Jekk mill-banda l-ohra l-persuna li lilha jinghata l-avviz "ma taccettax responsabbilta ghar-reat" jew "avolja tkun accettat dik ir-responsabbilta tonqos milli tirrimedja r-reat fiz-zmien imsemmi qabel, ghandhom jittiehdu kontriha l-procedimenti kriminali ordinarji skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi li tkun tapplika ghal dak ir-reat (ara artikolu 93(3)).

Ghalkemm is-socjeta attrici tikkontendi li din il-multa giet imposta wara u ghax infethet din il-kawza, jirrizulta mill-fatti illi l-Awtorita kellha laqgha mas-socjeta Green MT fejn giet mgharfa bl-agir kontravenzjonali qabel ma infethet il-kawza u l-ittra kontenenti l-impozizzjoni tal-multa ntbaghtet ftit granet biss wara li nfethet il-kawza.

Il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas legali jew agir irragonevoli jew kontra l-ligi bil-mod kif imxiet. Flok ghamlet rapport biex jigu istitwiti proceduri kriminali li jiehdu fit-tul fejn il-piena massima ghal sejbien ta' htija hi multa ta' €1,000 ghall-ewwel offiza kif inhi din in kwistjoni imponiet multa amministrattiva ta' €5,000 pagabbli fi zmien tempestiv skont ma tippermetti l-ligi tal-ippjanar fil-Kap. 504. B'din il-multa l-Awtorita uriet li ma ghalqitx ghajnejha ghall-infrazzjoni izda fl-istess

waqt irrikonoxxiet li stat fattwali irriversibbli ma setax jigi rimedjat mod iehor. In oltre l-Awtorita wkoll irrikonoxxiet illi l-membri fl-iskema zgur ma kellhom ebda htija u ma setghux jithallew bla protezzjoni.

Il-Qorti tqis li s-sottomissjonijiet tas-socjeta attrici li dan l-agir salva lil Green MT mill-falliment minhabba l-qaghda finanzjara taghha meta l-istess socjeta thallset ghal gbir u riciklagg ta’ skart ghall-ewwel sitt xhur tal-2010 kif jirrizulta mill-atti ma hux pruvat bhala fatt izda biss hu suppozizzjoni li l-istat finanzjarju ta’ Green MT kien ser iwassal ghal falliment. In oltre tali suppozizzjoni ma tistax qua suppozizzjoni twassal ghal xi kollegament illegali jew irresponsabbli da parti tal-MEPA li hi l-unika konvenuta fil-kawza jew xi prova li kien hemm xi hjiel ta’ favoreggjament diskriminatorju biex tigi svantaggjata s-socjeta attrici.

Il-Qorti tqis ukoll illi s-sottomissjoni dwar agir anti kompetitiv ma jistax jitqajjem f’dawn il-proceduri billi tali lment jista’ jsir fil-konfront ta’ kompetitur ma’ kompetitur iehor. F’dan il-kaz il-MEPA ma hix kompetitur u semmai kull azzjoni dwar agir anti kompetitiv bil-konsegwenzi li dan igib mieghu ghandu jittiehed fil-konfront tas-socjeta li qeghda jew kienet f’kompetizzjoni mas-socjeta attrici. Dan zgur ma jistax jigi diskuss jew deciz f’din il-kawza billi s-socjeta Green MT ma hix parti f’dawn il-proceduri u l-forum idoneju lanqas hu l-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Il-Qorti taghmel paragun mal-ligi tat-taxxa fejn wahda minn zewg kumpaniji kbar tibghat ir-rendikont tas-sena taxxabbli tardivament. L-impozizzjoni skont il-ligi ta’ multa u/jew imghax skond il-ligi ma tinvalidax id-dikjarazzjoni u anqas iwassal ghal xi agir illegali u irragonevoli mid-dipartiment jew agir anti kompetitiv bejn il-kumpanija li ipprezentat ir-rendikont taghha fiz-zmien preskritt. L-impozizzjoni ta’ multa u jew imghax jikkoregi l-izbilanc krejat bin-nuqqas tal-kumpanija tirrispetta t-termini impost fil-ligi.

Lanqas jista jinghad finalment li kull hlas li seta’ sar lil Green MT sar a skapitu tas-socjeta attrici. Ma ngibet ebda prova li s-socjeta attrici tnaqqsilha minn dak li kien dovut lilha jew li l-agir tal-Awtorita f’din ic-cirkostanza b’xi mod jista’ jiftiehem li sar bi pregudizzju ghas-socjeta attrici. Is-socjeta attrici, kif jidher mill-provi baqghet izzid fil-membri u ntrojtu kif jidher mid-dokument a fol. 378 tal-process ghal perjodu 2009 u 2010. In oltre kif jidher mill-atti, il-maggoranza assoluta ta’ numru ta’ membri li zdiedu fis-socjeta Green MT dahlu wara Gunju 2010, u mhux qabel jew bi skapitu ghas-socjeta attrici.”

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` attriċi Green Dot Malta Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata, billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-Awtorita` konvenuta,

tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-istess Awtorita` appellata.

6. Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar illum l-Awtorita` għall-Ambjent u r-Riżorsi, li permezz tagħha wieġbet li l-appell interpost minn Green Dot Malta Limited ma jimmeritax l-akkoljiment, u s-sentenza appellata timmerita konferma fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2021.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta` attriċi qiegħda tixli lill-Awtorita` konvenuta li naqset milli taġixxi skont id-doveri tagħha, imposti fuqha bil-liġi, meta minflok li għamlet l-investigazzjonijiet meħtieġa u ħadet il-passi xierqa skont il-liġi kontra s-soċjeta` Green MT Limited, għalqet għajnejha għal dak li jissejjaħ bħala abbuż sfaċċat matul il-perjodu tal-1 ta' Jannar u l-24 ta' Ġunju, 2010, meta ħalliet lis-soċjeta` Green MT Limited topera, minkejja li ma kellhiex liċenzja sabiex tagħmel dan mill-istess Awtorita` konvenuta. Kwindi talbet dikjarazzjoni mill-Qorti

li hija sofriet preġudizzju u danni konsegwenti għan-nuqqas tal-Awtorita` konvenuta, likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' dawn id-danni; kif ukoll li l-Awtorita` konvenuta ma tistax taċċetta u/jew tieħu konsiderazzjoni tal-figuri ta' ġbir, irkupru jew riċiklaġġ tal-iskart tal-ippakkjar li sar mis-soċjeta` konvenuta għan-nom tal-membri tagħha bejn l-1 ta' Jannar u l-24 ta' Ġunju, 2010; tiddikjara li l-aġir tal-Awtorita` konvenuta jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat (*State Aid)* bi ksur tal-provvedimenti tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

10. Min-naħa tagħha, l-Awtorita` konvenuta ċaħdet il-pretensjonijiet tas-soċjeta` attriċi fejn apparti li ressqet numru ta' eċċezzjonijiet preliminari, ċaħdet li hija kkawżat xi dannu lis-soċjeta` attriċi u dan peress li l-permess maħruġ minnha fil-25 ta' Ġunju, 2010, bl-ebda mod ma jirregolarizza jew jissanzjona l-operat tas-soċjeta` Green MT għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-24 ta' Ġunju, 2010 u lanqas jipprekludi lill-Awtorita` milli tieħu passi fil-konfront tas-soċjeta` Green MT, ai termini tal-Artikolu 27 *et seq* tal-Avviż Legali Numru 277/2006 relattiv għall-ġbir ta' skart mingħajr permess bejn l-1 ta' Jannar u l-24 ta' Ġunju, 2010. Inoltre, jingħad mill-Awtorita` konvenuta li, il-permess maħruġ favur is-soċjeta` Green MT Limited sar bil-kundizzjoni li jiġi rappurtat l-iskart minnha miġbur għan-nom tal-membri tagħha, mhux sabiex tiffavorixxi lil Green MT Limited, iżda sabiex tiżgura li jiġu onorati l-obbligi tal-membri tagħha sabiex ukoll l-obbligi tal-pajjiż f'dan is-settur jiġu milħuqa. Kwindi l-

Awtorita` konvenuta ssostni li ma tat l-ebda vantaġġ lis-soċjeta` Green MT Limited a skapitu tas-soċjeta` attriċi, jew li b'xi mod imur kontra l-prinċipji tal-kummerċ ġust u lanqas jista' jingħad li seħħ xi *state aid* kif jingħad mis-soċjeta` attriċi. Tisħaq li hija mxiet skont il-liġi u għalhekk it-talbiet kollha attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha.

11. L-ewwel Qorti permezz tas-sentenza tagħha tal-1 ta' Marzu, 2016, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta fil-mertu u ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

12. Is-soċjeta` attriċi ħassitha aggravata bis-sentenza appellata u għalhekk interponiet appell minnha, peress li ma taqbilx mal-apprezzament tal-fatti u tal-liġi magħmula mill-ewwel Qorti, li jingħad injorat parti kbira mill-evidenza u numru ta' eċċezzjonijiet infondati mressqa mill-Awtorita` konvenuta. Hija tirrileva li l-ewwel Qorti ma ċaħditx it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet formalment u għalhekk is-soċjeta` appellanti titlob li dan isir b'mod formali minn din il-Qorti. Inoltre s-soċjeta` appellanti ssejjes l-appell tagħha fuq tliet aggravji prinċipali:

(i) Is-soċjeta` appellanti tisħaq li l-Awtorita` appellata naqset bil-kbir meta minflok għamlet l-investigazzjonijiet meħtieġa u/jew ħadet il-passi xierqa skont il-liġi kontra s-soċjeta` Green MT Limited, għalqet

għajnejha għal dak li jissejjaħ bħala abbuż sfaċċat matul il-perjodu tal-1 ta' Jannar u l-24 ta' Ġunju, 2010, meta ħalliet lis-soċjeta` Green MT Limited topera minkejja li ma kellhiex liċenzja u permess sabiex tagħmel dan, b'detriment għas-soċjeta` appellanti. Jingħad minnha li l-fatt li l-Awtorita` mponiet multa ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-Awtorita` naqset mill-obbligazzjonijiet tagħha u kontra li qalet l-ewwel Qorti dan wassal sabiex jiġi regolarizzat l-aġir tas-soċjeta` Green MT għall-perjodu kollu li ħadmet mingħajr permess. Dan apparti li l-multa saret b'reazzjoni għall-proċeduri li nbdew mis-soċjeta` appellanti. Kwindi fl-agħar ipotesi, hija tikkontendi li ma kellhiex tbati l-ispejjeż tal-kawża.

(ii) it-tieni aggravju tas-soċjeta` appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti njorat għal kollox ix-xhieda voluminuża mogħtija minn Victor DeBrincat, Segretarju tal-*Approving Body (Eco-Contributions)* fis-16 ta' Jannar 2014 u b'mod dokumentat fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2014. Dan meta mill-provi jingħad mill-appellanti li jirriżulta li l-għada li ġiet imposta l-multa ta' €5,000, saru tmien pagamenti li komplessivament jammontaw għal €670,000 u dan bejn is-6 ta' Mejju, 2011 u t-28 ta' Mejju, 2012 u dan in konsiderazzjoni tal-eċċess ta' skart tal-ippakkjar li ġabbret il-kumpanija Green MT Limited fis-sena 2010, inkluż il-perjodu li l-imsemmija kumpanija ħadmet mingħajr permess. F'dan ir-rigward jingħad li ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu fil-liġi li jikkumpensa lil dik il-kumpanija li tmur oltre l-miri ta' ġbir/irkupru ta' skart tal-ippakkjar u dan

jikkostitwixxi misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u dan bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, peress li ma saret l-ebda sejħa pubblika, kif ukoll tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (relativament għall-għajnuna mill-Istat jew *State Aid* skont l-Artikolu 107 u 108(3) tal-istess Trattat). Din l-għajnuna li ngħatat lil Green MT Limited, li jingħad li kienet kważi falluta, li kellha tant kredituri jiġru warajha u li sal-mument li nfetħet il-kawża odjerna, kienet għadha ppreżentat biss l-*accounts* tagħha mal-Awtorita` ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) għall-perjodu li għalaq Diċembru, 2008, wassal sabiex ġiet *bailed out* sabiex tkun tista' tibqa' topera fis-suq. Is-soċjeta` appellanti tikkontesta dak li jingħad mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, u tisħaq li din mhix sempliċi suppożizzjoni. Minkejja l-kundizzjoni li l-Awtorita` konvenuta mponiet fuq is-soċjeta` Green MT Limited, hija baqgħet ma pproducitx l-*audited annual report* għas-sena 2009, kif wara kollox jirriżulta mill-atti li naqset milli tissottometti wkoll l-*audited accounts* tas-sena 2010. Minflok irriżulta li, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Green MT Limited ma kinitx *primary consideration* fid-deċiżjoni tal-Awtorita` konvenuta li toħroġ il-liċenzja. Mill-provi in atti jirriżulta li l-għotja li ngħatat lil Green MT Limited, ċertament wassal sabiex din is-soċjeta` tingħata nifs biżżejjed sabiex tibbilanċja l-kotba tagħha, apparti li tat bekkata qawwija lill-kompetitriċi diretta tas-soċjeta` attriċi appellanti u dan b'danni kbar għaliha. Tilmenta li l-

paragun li għamlet l-ewwel Qorti mal-liġi tat-taxxa ma jreġix, u s-sempliċi multa ta' €5,000 ma tikkoreġix l-aġir lamentat.

(iii) Fit-tielet aggravju tagħha s-soċjeta` attriċi appellanti tilmenta wkoll li ħassitha aggravata bil-fatt li ngħad mill-ewwel Qorti li, ma jistax jingħad li kull ħlas li sar lil Green MT Limited, sar a skapitu jew bi preġudizzju tas-soċjeta` attriċi, peress li jirriżulta li s-soċjeta` attriċi baqgħet iżżid fil-membri u fid-dħul tagħha matul il-perjodu 2009 – 2010, filwaqt li jingħad minnha wkoll li rriżulta li l-maġġoranza ta' membri li żdiedu mas-soċjeta` Green MT Limited daħlu wara Ġunju tas-sena 2010 u mhux qabel jew bi skapitu tas-soċjeta` attriċi. Mentri skont is-soċjeta` attriċi appellanti, saret il-prova li kieku l-Awtorita` konvenuta aġixxiet kif suppost u ssanzjonat l-operat ta' Green MT Limited, li kienet f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja, kieku l-membri ta' din tal-aħħar kienu jmorru għand l-unika kumpanija l-oħra li kienet toffri l-istess servizz, ċioe` s-soċjeta` attriċi appellanti, peress li dawn kienu l-uniku żewġ operaturi fis-suq bejn nofs is-sena 2009 u l-2011. Wara kollox, id-dħul ewlieni ta' dawn l-iskemi jikkonsisti prinċipalment fil-ħlas annwali ta' miżata mill-membri, kalkulat skont il-piż tal-materjal tal-ippakkjar li jkunu tefgħu fis-suq. Tislet siltiet estensivi mix-xhieda tad-direttur tagħha Mario Schembri in sostenn ta' dan l-aggravju tagħha. Hija ssostni li apparti li l-Awtorita` konvenuta appellata ma mxietx kif suppost, naqqret mill-introjtu li kienet tagħmel is-soċjeta` attriċi,

ladarba l-membri ta' Green MT Limited ma kien ikollhom l-ebda għażla oħra ħlief li jissieħbu magħha, kumpanija li kienet qiegħda timxi skont ir-regoli tas-suq u skont il-liġi. Kwindi tikkalkula d-dħul li għamlet Green MT Limited, sabiex wara li waslet għad-dħul mitluf li tgħid ġarrbet, tikkalkula dak li tgħid kien ikun il-qligħ nett tagħha, ċioe` s-somma ta' €122,031, deskritta minnha bhala figura konservattiva li tirrapreżenta d-danni mitluba minnha.

13. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, in kwantu s-soċjeta` attriċi appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tiddeċiedi t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita` konvenuta, ċioe` li l-Awtorita` kienet intavolat proċeduri sabiex tikkontesta l-mandat ta' inibizzjoni u li kellha tissejjaħ fil-kawża s-soċjeta` Green MT Limited, għall-fini tal-integrita` tal-ġudizzju, kif ġustament osservat mill-Awtorita` appellata, dawn kienu aktar rilevamenti milli eċċezzjonijiet fihom infushom. Dan jingħad peress li fir-rigward ta' dak rilevat bit-tieni punt fir-risposta ġuramentata tal-Awtorita` appellata, meta jingħad li kienet qiegħda tikkontesta l-mandat ta' inibizzjoni, fil-verita` l-ħruġ ta` mandat ta` inibizzjoni huwa biss mezz kawtelatorju li persuna tħares id-drittijiet tagħha liema mezz mhuwiex wieħed definittiv. L-ewwel Qorti f'din il-kawża ma kellhiex tidħol fil-mertu tal-proċediment dwar talba għall-ħrug ta` mandat ta` inibizzjoni, għaliex wara kollox, il-ħruġ jew revoka ta' mandat ta' inibizzjoni, mandat kawtelatorju, jibqa' distint mid-dritt sostantiv li bih kienet qiegħda tiġi

determinata din il-kawża. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-25 ta' April, 2008, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Zammit et v. Joseph Cortis et,** meta għamlet referenza għall-kawża fl-ismijiet **Carmela Aquilina v. Francis Aquilina noe**, ukoll deċiża minn din il-Qorti, fis-27 ta' Novembru 1991:

> "Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita` ta' mandat kawtelatorju permanenti - kif timplika l-pretensjoni ta' l-attrici ........ d-dritt ta' kawtela - cioe` dritt procedurali - m'huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed..."

14. Hekk ukoll, fejn ingħad mill-Awtorita` appellata li għall-fini tal-integrita` tal-ġudizzju kellha tissejjaħ fil-kawża s-soċjeta` Green MT Limited, ġaladarba l-ewwel Qorti tat żmien lill-Awtorita` appellata sabiex tagħmel talba għall-kjamat in kawża, bi spjegazzjoni dettaljata għaliex għandha tintlaħaq tali talba, liema talba ma saritx, huwa pjuttost ċar li l-Awtorita` appellata ma kinitx qiegħda tinsisti fuq din is-sejħa fil-kawża. Anzi, permezz ta' nota datata 28 ta' Lulju, 2011, (fol. 51 tal-proċess) l-Awtorita` rtirat it-tielet eċċezzjoni, filwaqt li żammet fermi l-eċċezzjonijiet l-oħra. Lanqas jirriżulta li s-soċjeta` attriċi appellanti ħasset il-ħtieġa li hija stess issejjaħ fil-kawża s-soċjeta` Green MT. Isegwi li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda materja x'tiddeċiedi f'dan ir-rigward.

15. Fi kwalunkwe każ, dawn iż-żewġ punti mqanqla mill-Awtorita` konvenuta ma kinux eċċezzjonijiet li jeħtieġu li jiġu deċiżi b'kap separat. Skont l-Artikolu 790 tal-Kap. 12, meta quddiem din il-Qorti tinġieb

eċċezzjoni ta' nullita tas-sentenza appellata, l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha: "...*ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimita ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq*". Isegwi li din l-osservazzjoni tal-appellanti ma hija ta' ebda utilita` għas-soċjeta` appellanti.

16. In kwantu fl-ewwel aggravju tagħha, is-soċjeta` attriċi appellanti tilmenta mill-apprezzament tal-ewwel Qorti li l-aġir tal-Awtorita` ma jivvjola l-ebda regolament tal-liġi peress li kien ċar u indiskutibbli li l-Awtorita` kienet taf li Green MT Limited kienet qiegħda topera mingħajr liċenzja sa mill-1 ta' Jannar, 2010, jibda billi jiġi osservat li l-liġi titfa' r-responsabbilta` u l-oneru li wieħed japplika għand l-awtorita` kompetenti għall-permess, lil kull min jidħol għal xi attivita` ta' maniġġjar ta' skart (ara regolamenti 6 u 9 tal-Avviż Legali 337 tal-2001) jew persuna li tixtieq tħaddem skema ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar (ara regolament numru 24 tal-Avviż Legali 277 tas-sena 2006). In-nuqqas ta' *manager* ta' skart li jġedded il-permess tiegħu ma jġibx miegħu nuqqas awtomatiku tal-awtorita` kompetenti mill-ħruġ tal-imsemmi permess, minħabba l-presunzjoni tal-għarfien tagħha dwar tali nuqqas.

17. Inoltre, mill-provi in atti jirriżulta li s-soċjeta` Green MT Limited applikat sabiex iġġedded il-permess fl-20 ta' Marzu, 2010, u dan b'effett mill-1 ta' Jannar, 2010 (ara Doc. KM 4 a fol. 109 tal-proċess); l-Awtorita` appellata weġbitha fil-5 ta' April, 2010, (ara Doc. KM5 a fol. 110) fejn elenkat il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tkun tista' tkompli tipproċessa l-istess applikazzjoni għat-tiġdid. Fin-nuqqas ta' risposta, l-Awtorita` bagħtet ittra sabiex tfakkar dak mistenni mis-soċjeta` Green MT, fil-11 ta' Mejju, 2010 (Doc. KM6 a fol. 111). Il-permess tal-Awtorita` konvenuta appellata favur is-soċjeta` Green MT Limited inħareġ fil-25 ta' Ġunju, 2010, (ara Dok. MC 1 a fol. 82) fejn fih ingħad li kien qiegħed joħroġ b'effett mid-data tal-ħruġ (u mhux retroattivament kif mitlub mis-soċjeta` Green MT Limited) u bil-kundizzjoni li sal-25 ta' Lulju, 2010, Green MT Limited tissottometti *audited annual report* għas-sena 2009 (ara kontenut tal-permess a fol. 10). Jirriżulta li saret laqgħa bejn rappreżentanti tal-Awtorita` konvenuta appellata u rappreżentanti tas-soċjeta` Green MT Limited fit-13 ta' April, 2011, sabiex proprju saret diskussjoni dwar in-nuqqas tal-istess soċjeta`, meta operat mingħajr permess bejn l-1 ta' Jannar u l-24 ta' Ġunju, 2010, liema nuqqas sar bi ksur tar-regolamenti skont l-Avviż Legali 337 tas-sena 2001 u l-A.L. 277 tas-sena 2006. Kwindi fil-5 ta' Mejju, 2011, inħarġet "*Notice of Offence*" (ara Dok. KM 1 a fol. 68) fejn Green MT Limited ġiet mgħarrfa li kienet qiegħda tiġi mposta fuqha penali amministrattiva ta' €5,000 bħala ammissjoni skont l-Artikolu 93 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, minflok li jittieħdu passi kriminali fil-

konfront tal-istess soċjeta`. Din il-multa jirriżulta li tħallset fis-26 ta' Lulju, 2011 (ara Dok. KM 2 a fol. 69 tal-proċess).

18. Mill-elenku ta' fatti hawn fuq miġbura, għalkemm is-soċjeta` Green MT Limited applikat għat-tiġdid tal-permess f'Marzu, 2010, l-Awtorita` appellata għamlet il-verifiki meħtieġa u qabel ma kkonsidrat it-talba għat-tiġdid għamlet elenku ta' affarijiet li s-soċjeta` Green MT Limited kellha tottempra ruħha qabel l-Awtorita` biss ikkonsidrat it-talba għat-tiġdid, u l-permess ħarġitu f'Ġunju 2010, b'effett mid-data tal-ħruġ u mhux b'mod retroattiv. In-nuqqas fl-aġir tal-Awtorita` li tirriskontra din il-Qorti, huwa dak li bejn meta nħareġ il-permess fl-2010 u meta ġiet imposta l-penali fl-2011, iddekorra l-perjodu ta' madwar sena. Dan in-nuqqas, li jista' jitqies bħala wieħed amministrattiv, ma jfissirx li l-Awtorita` konvenuta appellata mxiet b'mod illegali. Lanqas ma jfisser li l-Awtorita` għandha twieġeb għad-danni sakemm ma jiġix ippruvat in-ness bejn in-nuqqas fl-operat tal-Awtorita` u d-danni kkaġunati lis-soċjeta` attriċi appellanti. Kif osservat mill-ewwel Qorti, l-Awtorita` konvenuta appellata mxiet fil-parameteri tal-liġi skont il-provvediment tal-Artikolu 93 tal-Kap. 504. Lanqas tirriżulta prova li turi li l-Awtorita` kienet taf li s-soċjeta` Green MT kienet qiegħda topera mingħajr liċenzja sa mill-1 ta' Jannar, 2010, u għalqet għajnejha bl-iskop li tagħmel ħsara lis-soċjeta` attriċi. Il-Qorti trid tiddeċiedi fuq bażi ta' provi riżultanti mill-atti proċesswali u mhux fuq bażi ta' dak li ma jistax jitqies xejn aħjar milli konġetturi ipotetiċi.

19. Din il-Qorti lanqas ma taqbel mas-soċjeta` attriċi appellanti meta jingħad minnha li l-effett tal-ħruġ tal-liċenzja kien wieħed retroattiv. Dan jingħad peress li apparti li jirriżulta espressament li l-permess inħareġ b'effett mid-data tal-ħruġ tal-permess u mhux b'effett mill-1 ta' Jannar, 2010, kif mitlub mis-soċjeta` Green MT Limited, dan indubbjament sar sabiex ma jiġix sanzjonat in-nuqqas tas-soċjeta` Green MT Limited, tant li din il-kumpanija ġiet immultata penali tan-nuqqas tagħha – kwindi żgur li ma jistax jingħad li l-Awtorita` għalqet għanjejha jew tat il-barka tagħha għan-nuqqasijiet tal-imsemmija kumpanija, meta jirriżulta li aġixxiet skont ma tipprovdi l-liġi meta mponiet l-imsemmija multa. Il-fatt li l-Awtorita` appellata mponiet kundizzjoni fuq is-soċjeta` Green MT Limited sabiex iżżomm rendikont tal-iskart tal-ippakkjar li ġie rkuprat mill-istess kumpanija f'dawk l-ewwel xhur tas-sena 2010 u dan sabiex fi kliem Kevin Mercieca, Unit Manager mal-Awtorita` appellata, ma jħallux "*data gap u nħallu mijiet ta' producers skoperti għall-erba' (4) xhur għax l-iskema ddeċidiet taħdem mingħajr permess. Aħna l-multa tajniha lill-iskema biex tpatti għal ksur tal-liġi li għamlet u in that sense bil-fors ridna aħna jkollna klawzoli li niġbru dik id-data mitlufa. Fir-realtà huma jaħdmu kienu qegħdin, ħadmu bla permess, li mhux suppost però jaħdmu kienu qegħdin, allura dik id-data, baqgħu jiġbru l-iskart , dik ridna niġbruha aħna.*" Kif osservat mill-ewwel Qorti, sal-24 ta' Ġunju, 2010, kien hemm madwar tletin produttur li kellhom ftehim mas-soċjeta` Green MT Limited

u din il-kumpanija kienet qiegħda tħaddem l-iskema f'isem dawn il-produtturi wkoll, li ma kellhom l-ebda ħtija għan-nuqqas tagħha.

20. Lanqas jirriżulta li kif jingħad mis-soċjeta` attriċi appellanti li l-multa ġiet imposta wara jew għaliex infetħet din il-kawża, peress li effettivament jirriżulta li l-Awtorita` konvenuta appellata kellha laqgħa mas-soċjeta` Green MT Limited fit-13 ta' April, 2011, fejn ġiet mgħarrfa bl-aġir kontravenzjonali ħamest ijiem qabel ma nfetħet il-kawża odjerna u kif osservat mill-ewwel Qorti, l-ittra bl-impożizzjoni tal-multa ntbagħtet ftit ġranet biss wara li nfethet il-kawża. Inoltre, il-multa mposta ma titqisx li kienet xena sabiex "taparsi" jintwera li l-Awtorita` kienet ħadet passi fil-konfront ta' Green MT Limited, in kwantu konsidrat il-piena massima ta' €1,000 li setgħet teħel, f'każ ta' proċeduri kriminali quddiem il-Qorti, tqis il-multa amministrattiva ta' €5,000 proporzjonata għan-nuqqas tas-soċjeta` Green MT Limited li operat fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart għal kważi sitt xhur mingħajr il-permess meħtieġ. Ġaladarba l-liġi stess tikkontempla l-possibbilta` li tiġi regolarizzata l-pożizzjoni ta' min ikun kiser il-liġi, konsidrata n-natura u l-gravita` tal-infrazzjoni mwettqa, din il-Qorti ma tara xejn irraġonevoli fid-deċiżjoni tal-Awtorita` appellata. Fin-nuqqas tas-soċjeta` attriċi appellanti li tindika b'mod ċar liema huwa l-provvediment tal-liġi li l-Awtorita` appellata naqset milli timponi jew twettaq, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. Għalhekk l-ewwel aggravju ser jiġi miċħud.

21. Fir-rigward tat-tieni aggravju tas-soċjeta` attriċi appellanti, għandu jingħad mal-ewwel li din il-Qorti ssib li parti kbira mill-argumenti taħt dan l-aggravju, huma nsostenibbli, konsidrat li s-soċjeta` attriċi appellanti, permezz tal-verbal waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014, irtirat is-sitt talba tagħha, fejn ġie speċifikat li kull talba fil-premessi rigwardanti din it-talba m'għandhomx jitqiesu mill-ewwel Qorti għall-finijiet ta' din il-kawża (ara fol. 304 tal-proċess). Kif ingħad drabi oħra, verbal tas-seduta tal-Qorti huwa vinkolanti għall-partijiet għaliex jikkostitwixxi "kważi-kuntratt" ġudizzjali, li ma jistax ikun newtralizzat jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet. (Ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Marzu, 1987, fil-kawża fl-ismijiet **Direttur tal-Agrikoltura v. Remigio Galea**). Is-sitt talba attriċi kienet titratta talba għal dikjarazzjoni li l-aġir kontemplat fil-premessi jikkonsisti f'għajnuna mill-Istat ("*State Aid*") ai termini tal-Artikolu 87 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant ma jistax jingħata qabel mal-Awtorita` intimata jew l-awtoritajiet kompetenti josservaw il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(3) tal-istess trattat. Kwindi, konsidrat li l-parti l-kbira tax-xhieda li ngħatat minn Victor DeBrincat kienet titratta proprju l-għotjiet li saru favur is-soċjeta` Green MT Limited, huwa mill-aktar inkongruwu li s-soċjeta` attriċi appellanti tippretendi li l-ewwel Qorti kellha tagħmel referenza għal dik ix-xhieda u d-dokumenti voluminużi li ġew prodotti minnu (Dok. VD1) li kienu pjuttost relevanti għall-fini tas-sitt talba attriċi, li fil-mori tal-proċeduri ġiet irtirata.

22. Inoltre, mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rwol tal-iskema ta' rkupru u riċiklaġġ li kien imwettaq mis-soċjeta` attriċi appellanti, fl-2012 għaddiet dan ir-rwol lill-ko-operattiva GreenPak Coop Society Limited (ara Dok. MS -AFF1), li fit-3 ta' Settembru, 2014, ressqet proċeduri oħra quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, *inter alia* fil-konfront tal-Awtorita` konvenuta (li jġibu referenza 69/2014) fejn proprju jiġu attakkati dawn l-għotjiet li jingħad li saru favur Green MT Limited, bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, peress li ma saret l-ebda sejħa pubblika, kif ukoll tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea relativament għall-għajnuna mill-Istat jew *State Aid* skont l-Artikolu 107 u 108(3) tal-istess Trattat (ara fol. 528 sa fol. 532 tal-proċess). Mhuwiex imħolli li parti f'kawża tressaq pluralita` ta' kawżi fuq l-istess mertu. Isegwi li s-soċjeta` attriċi appellanti ma tistax tippretendi li l-istess mertu jiġi nvestit f'żewġ kawżi differenti. Kwindi l-ewwel Qorti ma kellhiex għażla oħra ħlief proprju li ma tieħux konjizzoni tal-provi mressqa in atti relatati mas-sitt talba attriċi, ġaladarba hija rtirat dik it-talba.

23. Madankollu konsidrati l-allegazzjonijiet u l-insinwazzjonijiet kollha li saru, jinħass xieraq li jiġi ppreċiżat biss li jeżisti qafas ta' liġi fejn isiru ħlasijiet ta' kreditu jew rifużjoni lill-prodottur u dan skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2011 dwar l-Għoti ta' Rifużjoni tal-Eko-kontribuzzjoni (Avviż Legali 158 tal-2011) maħruġ taħt l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni

(Kap.473), hekk kif determinat mill-Korp ta' Approvazzjoni mwaqqaf bis-saħħa tal-Avviż Legali 84 tas-sena 2010, li fuqu l-Awtorita` konvenuta appellata għandha biss rappreżentant, kwindi dan il-Korp huwa effettivament entita` distinta mill-Awtorita` appellata. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Qorti fis-sens li dak li jingħad mill-appellanti dwar l-istat finanzjarju ta' Green MT li kien ser iwassal għal falliment, hija biss suppożizzjoni u bħala tali ma tistax twassal għal xi kollegament illegali jew irresponsabbli da parti tal-Awtorita` appellata li hi l-unika konvenuta fil-kawża odjerna.

24. Lanqas saret prova li kien hemm aġir da parti tal-Awtorita` appellata li jista' jingħad li jikkostitwixxi favoreġġjament diskriminatorju biex tiġi żvantaġġjata s-soċjeta` attriċi. Kif osservat qabel, ġaladarba l-liġi stess tikkontempla l-possibbilta` li tiġi regolarizzata l-pożizzjoni ta' min ikun kiser il-liġi, konsidrata n-natura u l-gravita` tal-infrazzjoni mwettqa, din il-Qorti ma tara xejn irraġonevoli fid-deċiżjoni tal-Awtorita` appellata. Hekk ukoll, il-paragun magħmul mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, mal-liġi tat-taxxa huwa ritenut wieħed idoneju, konsidrat li dik il-liġi wkoll tikkontempla l-ħlas ta' multi u mgħaxijiet bħala mezz ta' kif wieħed jista' jagħmel tajjeb għal xi nuqqas tiegħu kontemplat fl-istess liġi. Il-fatt li l-Awtorita` konvenuta ħadet passi fil-konfront tas-soċjeta` Green MT Limited u mponiet multa fuqha, hekk kif kontemplat fil-liġi, ma jista' qatt jitqies irraġonevoli, hekk kif dan huwa wieħed mill-miżuri kkontemplati fil-

liġi sabiex min jonqos ikun jista' jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu u jagħmel tajjeb għall-infrazzjoni li jkun wettaq billi jħallas dik il-multa. Ir-rwol tal-Awtorita` konvenuta appellata huwa ta' regolatur u ċertament mhuwiex obbligu tagħha li twaqqaf operatur li jkun qiegħed iħaddem l-iskema milli jkompli jopera fis-suq, hekk kif ikun irregolarizza l-pożizzjoni tiegħu u kkonforma ruħu ma' dak li tipprovdi l-liġi. Kull konsiderazzjoni oħra hija superfluwa. Isegwi li lanqas it-tieni aggravju tas-soċjeta` attriċi appellanti ma jimmerita li jiġi milqugħ.

25. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tas-soċjeta` attriċi, dak fejn tikkritika l-aġir tal-Awtorita` konvenuta li tgħid wassal għad-danni mġarrba minnha. Tabilħaqq dak li s-soċjeta` attriċi appellanti tittanta targumenta dwar l-hekk imsejjaħ "dmir morali" tal-Awtorita` li tipprovdi pubbliċita` dwar in-nuqqasijiet tas-soċjeta` Green MT Limited li aktarx kien iwassal għal żieda fil-membri tagħha, hekk kif kienu jitilqu minn ma' Green MT, huwa fl-aħjar ipotesi, konġetturali. Kif jingħad fil-Malti, li kieku u li kien qatt ma ltaqgħu flimkien. Ma hemm l-ebda ċertezza li kieku l-membri li setgħu telqu minn ma' Green MT Limited, kienu jingħaqdu mas-soċjeta` attriċi appellanti, peress li għalkemm dawn kienu l-uniku żewġ operaturi fis-suq fil-mument relevanti, kienet teżisti possibbilta` oħra, dik ta' *self-compliance.*

26. Il-fatt li d-Direttur tas-soċjeta` attriċi, Mario Schembri, stess jistqarr li l-obbligu li l-Awtorita` konvenuta tipprovdi pubbliċita` dwar in-nuqqasijiet tas-soċjeta` Green MT bħala wieħed "morali" (ara kontro-eżami a fol. 343) hija fil-fehma ta' din il-Qorti ammissjoni li l-liġi ma tipprovdi ebda obbligu f'dan is-sens. Hekk ukoll, l-istess Schembri jikkonċedi li s-soċjeta` attriċi ma kienet ser takkwista l-ebda vantaġġ minn tali pubbliċita`. Tant hu hekk, li minkejja li saret stqarrija stampa (ara b'eżempju Dok. MS11 a fol. 327) fejn ġie fil-fatt mgħarraf il-pubbliku li s-soċjeta` Green MT għamlet żmien topera mingħajr permess, ma kellux l-eżitu ndikat mis-soċjeta` attriċi appellanti. In kontro-eżami l-istess Direttur jixhed li l-effett tagħha ma kienx li l-membri tal-Green MT jitilqu sabiex jingħaqdu magħha.

27. Ġaladarba ġie stabbilit li l-Awtorita` appellata aġixxiet fil-konfront ta' Green MT fil-parametri li tipprovdi l-liġi, u għalhekk jirriżulta li l-ewwel talba attriċi ma tistax tirnexxi, huwa mill-aktar inkongruwu li minkejja dan, is-soċjeta` attriċi appellanti tibqa' tippretendi d-danni konsegwenti għall-fatt li l-Awtorita` pproċessat u ħarġet il-permess relattiv, meta d-danni kif mitluba fir-rikors promotur kienu marbuta u konsegwenzjali għall-ewwel talba li l-Awtorita` konvenuta naqset milli taġixxi skont id-doveri mposti fuqha bil-liġi li tinvestiga u tieħu passi fil-konfront ta' Green MT. Kwindi s-soċjeta` appellanti tittanta tisposta l-kawżali oriġinali tagħha, ħaġa li mhix permessibbli għall-attur f'kawża (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Lulju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Cini v. L-**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** fejn ingħad li l-attur ma setax jisposta l-enfasi tat-talbiet tiegħu b'mod li dak li deher li tressaq bħala talba konsegwenzjali ta' danni għal teħid illegali, jinbidel f'talba *ad hoc* dwar danni dovuti minħabba traskuragni). Hekk ukoll f'dan il-każ, l-allegati danni konsegwenti għan-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Awtorita` konvenuta appellata, ma jistgħux issa jiġu spostati għal danni konsegwenti għall-fatt li l-istess Awtorita` pproċessat u ħarġet il-permess relattiv.

28. Il-pretensjoni attriċi li l-aġir tal-Awtorita` sarraf f'dannu għaliha huwa wkoll kontradett mill-fatt li mill-perjodu 2009 għal dak 2010, jirriżulta li s-soċjeta` attriċi appellanti żiedet fin-numru ta' membri li kellha (ara Dok. GDM 3 a fol, 378). Fil-verita`, il-provi juru li l-membri taż-żewġ operaturi żdiedu sostanzjalment matul l-2010. Fi kwalunkwe każ, mill-provi in atti rriżulta li minn 121 membru li ssieħbu mal-Green MT fis-sena 2010, kienu 36 biss li ngħaqdu magħha fl-ewwel sitt xhur meta hija kienet qiegħda topera mingħajr permess. Anzi ħamsa biss minn dawn il-membri ssieħbu ma' Green MT għall-perjodu ta' sena, il-bqija ssieħbu magħha għall-perjodu ta' tliet xhur. Dawn il-konsiderazzjonijiet huma relevanti għall-fini tal-allegati danni proġettati mis-soċjeta` attriċi li jiġu kalkulati fuq il-bażi tal-membri kollha li ssieħbu mas-soċjeta` Green MT fil-perjodu tas-sena 2010, inkluż il-perjodu li fih Green MT kienet irregolarizzat il-pożizzjoni tagħha u mhumiex limitati għall-perjodu li fih kienet qiegħda topera

mingħajr il-permess. Isegwi li qajla jista' jingħad li s-somma ta' danni pretiża hija waħda konservattiva, in kwantu hija proġettata fuq sena sħiħa meta n-nuqqas ta' Green MT kien limitat għall-perjodu ta' madwar sitt xhur, apparti li wieħed irid jagħraf bejn it-tipi differenti ta' skart irkuprat li jiġġenera tariffi differenti (ara Dok. MS 5 a fol. 316). Fi kwalunkwe każ, fin-nuqqas ta' prova li l-aġir tal-Awtorita` appellata kien wieħed bi ksur tal-provvedimenti tal-liġi, ma hemmx lok li t-talba attriċi għad-danni tiġi nvestita ulterjorment. Għalhekk it-tielet aggravju wkoll ma jirriżultax bħala wieħed mistħoqq u għalhekk l-appell interpost għandu jiġi miċħud fis-sħiħ.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi mill-appell imressaq mis-soċjeta` attriċi Green Dot Malta Limited, billi tiċħad l-istess u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata tal-1 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm